MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2022

Appell Inferjuri Numru 33/2020 LM

**Joseph Said (K.I. numru 35038(G)**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Warren Vella (K.I. numru 14190(G)), u b'digriet datat 30 ta' Settembru, 2016, Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553) ġiet ammessa bħala intervenuta f'dawn l-atti**
*('l-appellanti')*

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Warren Vella (K.I. nru. 14190(G))** u s-soċjetà intervenuta fil-kawża **Mapfre Middlesea p.l.c. (C 5553)** [minn issa 'l quddiem rispettivament 'l-appellant Vella' u 'is-soċjetà intervenuta' u flimkien 'l-appellanti'], minn lodo arbitrali numru M4726/2016 mogħti fit-28 ta' Lulju,

2020, [minn issa ’l quddiem ‘il-lodo arbitrali’], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem ‘it-Ċentru’], li permezz tiegħu ddeċieda li jilqa’ it-talbiet tar-rikorrenti **Joseph Said (K.I. nru. 35038(G))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’] kif magħmulin fl-Avviż tal-Arbitraġġ, filwaqt li ddikjarat li l-ammont dovut huwa ta’ €1,458.14ċ, bl-ispejjeż kontra l-appellant Vella.

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa ’l quddiem ‘l-inċident’] li seħħ fil-15 ta’ Jannar, 2016 fi Triq il-Knisja kantuniera ma’ Triq Said, in-Nadur, Għawdex, bejn il-vettura tal-għamla *Toyota Ractis* bin-numru ta’ reġistrazzjoni HBN 564 proprjetà u misjuqa mill-appellat, u x-xarabank tal-għamla *Otokar Vectio C bin*-numru ta’ reġistrazzjoni BUS 607, misjuqa mill-appellant Vella iżda proprjetà ta’ Transport Malta u assikurata mas-soċjetà intervenuta.

## Mertu

3. L-appellat istitwixxa proċeduri ta’ arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta’ Avviż ta’ Arbitraġġ u Talba bil-Miktub ppreżentati fl-11 ta’ Mejju, 2016, fejn talab sabiex l-appellant Vella jiġi ddikjarat responsabbli għall-inċident in kwistjoni, u sabiex jiġi wkoll ikkundannat iħallas id-danni subiti minnu.

4. L-appellant Vella wieġeb permezz ta’ Risposta ppreżentata fiċ-Ċentru fis-26 ta’ Settembru, 2016, fejn issottometta li l-inċident ma kienx seħħ riżultat ta’ raġunijiet imputabbli lilu, iżda mputabbli lill-appellat, u għalhekk talab lit-Tribunal sabiex it-talba tal-appellat tiġi miċħuda.

5. Permezz ta’ rikors ippreżentat fis-26 ta’ Settembru, 2016, is-soċjetà Mapfre Middlesea Insurance p.l.c. talbet sabiex tiġi awtorizzata tintervjeni f’dawk il-proċeduri *in statu et terminis,* u dan filwaqt tingħata żmien għall-preżentata tar-risposta tagħha. It-talba ġiet milqugħa mit-Tribunal permezz ta’ digriet tat-30 ta’ Settembru, 2016.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

6. Fit-28 ta’ Lulju, 2018 it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"KONSIDERAZZJONIJIET***
>
> *Illi jiġi rilevat li filwaqt li r-rikorrenti jiddikjara li huwa kien f’posizzjoni stazzjonarja fil-vettura tiegħu meta ġara l-inċident, liema dikjarazzjoni tirriżulta anke fir-rapport tal-warden, l-intimat Warren Vella, a kuntrarju, jixhed li r-rikorrenti kien miexi bil-mod kif sar l-impatt bejn iż-żewġ vetturi.*
>
> *Ir-rikorrenti Joseph Said ta d-deposizzjoni tiegħu fis-seduta tas-7 ta’ April 2017. Huwa jispjega li kien jinsab wara vetturi oħrajn, kien għaddej mit-Triq ta’ Said, direzzjoni lejn Triq il-Knisja. Ir-rikorrenti jikkonferma l-verżjoni li huwa ta lil warden dakinhar tal-inċident, filwaqt li jtenni li x-xufier tax-xarabank ma ndunax li kien sar l-impatt bejn il-vetturi, tant li r-rikorrenti kellu jdoqq il-*horn *sabiex jieqaf. Ir-rikorrenti jikkonferma li huwa kien ilu madwar erba’ minuti wieqaf, meta ġara l-inċident.*

*Illi jirriżulta li fis-seduta tat-3 ta' Frar 2017, ir-rikorrenti ipproduċa xhud okulari, Joseph Camilleri li kkonferma li ra lir-rikorrenti wieqaf hekk kif ix-xarabank saq. Camilleri jispjega li huwa kien qed isuq il-vettura tiegħu fil-kju ta' karozzi li kien jinsab wara l-vettura tar-rikorrenti, u huwa ra l-inċident iseħħ.*

*Illi l-intimat Warren Vella ta d-deposizzjoni tiegħu fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2018. Huwa jispjega li d-direzzjoni tat-triq li kien sejjer fiha, u ċioe lejn ir-Rabat, hija* 'one way' *għal vetturi oħrajn. Illi jirriżulta li l-ħruġ tal-vetturi mill-pjazza, huwa limitat għax-xarabanks, u ċioe, minn fejn kien għaddej l-intimat. Vella jispjega li sabiex jgħaddi bix-xarabank minn mal-vetturi li kienu jinsabu pparkeġġjati fit-triq huwa kellu jiġbed fuq in-naħa tal-lemin tat-triq. Vella jispjega ulterjorment li kien hemm il-karozzi ġejjin minn faċċata, u huwa ġibed ftit 'l barra.*

*Illi Vella inoltre jispjega li mill-mera tal-lemin huwa ra lir-rikorrenti, li kien qed isuq bil-mod. In kontro-ezami, l-intimat jixhed li l-ewwel darba lli kien ra lil Said kien fil-kantuniera, qabel kien ħares mill-mera tal-lemin, u kif rah mill-mera tal-lemin, Vella kien diġà beda jikser.*

*Illi jirriżulta li mal-impatt, l-intimat baqa' jsuq ftit, u dan jattribwih għal fatt li huwa ma setax jieqaf immedjatament anke peress li huwa kellu l-passiġġieri rekbin fix-xarabank.*

*F'kazijiet ta' din ix-xorta fejn l-Arbitru hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet ta' diversi punti dijametrikament opposti, minflok ma l-Arbitru jkollha ghalfejn taqa' fuq l-iskappatoja tar-regola ta'* "in dubio pro reo"*, hija għandha teżamina l-verżjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u tal-verosimiljanza biex tara jekk il-verżjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi – Issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri Spiteri John v Spiteri Raymond 14.07.2004 QA [PS].*

*Id-dinamika tal-incident, kif ukoll il-ħsarat fil-vetturi rispettivi tal-partijiet għandhom ukoll jikkontribwixxu sabiex tiġi stabbilita l-veraċità o meno tal-verżjonijiet imressqa mill-partijiet rispettivament.*

*Mill-assjem tal-provi prodotti fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, il-verżjoni mressqa mir-rikorrenti hija verosimili għad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. Hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li mid-dinamika tal-inċident, l-intimat Warren Vella kellu l-obbligu li juża attenzjoni u diliġenza massima, partikolarment meta wieħed jikkunsidra l-kobor tal-vettura li huwa kien qiegħed isuq.*

*Illi wieħed għandu jagħmel referenza wkoll għal waqfien minn fuq l-i*stop sign*. Effettivament, dwar dan il-punt, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, is-sentenza fl-ismijiet Citadel Insurance plc vs Paul Scerri (22/06/2005 Appelli Ċivili) irriteniet is-segwenti:*

"Min ikun ħiereġ minn fuq stop sign u aktar u aktar għal fuq triq prinċipali li hu jeħtieġlu wkoll jittraversa, ikollu l-obbligu maġġuri li qabel ma joħroġ, jesplora sewwa t-triq li jrid jidħol fiha u jċedi għat-traffiku transitanti fuqha. Dan għaliex il-manuvra li jkun sejjer jagħmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata biex tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku li jkun għaddej minnha."

*Rigward il-quantum tad-danni reklamat mir-rikorrenti, jirriżulta li l-ammont ġie sodisfaċentement ippruvat, u fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2019 ġie dikjarat mill-konsulenti legali tal-partijiet li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar l-istess. Jigi rilevat li fil-mori tal-proċeduri l-ammont reklamat ġie awmentat għal €1,458.14ċ (elf, erba' mija tmienja u ħamsin ewro u erbatax-il ċenteżmu).*

*Illi minn analiżi tax-xhieda u tad-dokumentazzjoni prodotta mill-partijiet fl-atti ta' dan l-Arbitraġġ, hija l-fehma kunsiderata tal-Arbitru li l-verżjoni mressqa mir-rikorrenti hija kredibbli, u għalhekk isegwi li t-talbiet avvanzati ġew sodisfaċentement ppruvati."*

## L-Appell

7. L-appellanti ħassew ruħhom aggravati bid-lodo arbitrali u interponew appell fl-10 ta' Awwissu, 2020, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tilqa' l-aggravji tagħhom, tirrevoka l-lodo arbitrali, tiċħad it-talbiet tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom. Jgħidu li huma jħossuhom aggravati għaliex it-Tribunal skarta għal kollox il-verżjoni tal-appellant Vella u qal li dan saħansitra kellu l-obbligu li juża attenzjoni u diliġenza massima, ikkunsiderat partikolarment il-kobor tal-vettura li kien qed isuq.

## Ir-Risposta

8. Fit-tweġiba tiegħu l-appellat jissottometti li l-appell odjern huwa wieħed infondat kompletament fid-dritt u fil-fatt għal dawk ir-raġunijiet li jispega fir-risposta tiegħu, u jsostni li dan għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali, meħudin in konsiderazzjoni wkoll is-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

10. L-appellanti jikkontendu li t-Tribunal skarta għal kollox il-verżjoni tal-appellant Vella, filwaqt li aċċetta l-verżjoni tal-appellat bħala waħda kredibbli, qal illi l-appellant Vella kien tenut juża attenzjoni u diliġenza massima, l-aktar minħabba l-kobor tal-vettura li huwa kien qed isuq. Isostnu li fil-lodo arbitrali ma ġietx stabbilita x'kienet il-kawża prossima tal-inċident in kwistjoni, li jgħidu li hija l-punt tat-tluq ta' kull eżami relatat ma' inċident stradali. Huma jiċċitaw sentenza tal-Qorti tal-Appell[1] sabiex jissostanzjaw dan l-argument tagħhom, u jżidu jgħidu li għalhekk it-Tribunal kellu jibda billi tiddetermina l-importanza tat-toroq, u jikkonsidra dawk is-sinjali ta' traffiku li kienu jirregolaw u anki l-ksur u/jew it-tħaris tar-regolamenti applikabbli minn utent u/jew ieħor. Jissottomettu li hija massima stabbilita li d-dritta tat-triq tispetta lill-utent tat-triq prinċipali, li fil-każ odjern kienet Triq il-Knisja fejn kien qed isuq l-appellant

[1] Jesmond Bonello *vs.* Ġulio Baldacchino, 15,01.1997.

Vella. L-appellanti hawn jagħmlu riferiment għall-para. 213 tal-Kodiċi Għat-Traffiku fit-Triq, 2001, u jkomplu billi jgħidu li fil-każ odjern kien hemm sinjal ta' waqfien fl-art fi Triq Said. Jgħidu li l-fatt li l-appellat ma kienx jaf li huwa hemm kellu jieqaf, kien iżid ir-responsabbiltà tiegħu għall-akkadut, għaliex huwa ma kienx konxju tad-dmirijiet tiegħu bħala utent ta' triq sekondarja. Wara li l-appellanti jiċċitaw silta minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali[2] ar referiment għall-prinċipji addottati mill-Qrati Skoċċiżi, huma jiċċitaw ukoll sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fl-ismijiet **Anthony Cassar *vs.* Joel Hili** kif deċiża fis-26 ta' April, 2006, fejn isostnu li skont il-ġurisprudenza tal-qrati tagħna, hemm preżunzjoni *iuris tantum* li s-sewwieq fit-triq prinċipali mhux responsabbli għall-inċident, u li kien jispetta lill-intmat li jressaq prova adegwata li l-kawża prossima tal-inċident kienet għal kollox jew f'parti minnha biss dovuta għas-sewqan negliġenti tal-utent tat-triq prinċipali. L-appellanti jikkontendu li fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal kien żbaljat fil-konklużjoni tiegħu meta attribwixxa responsabbiltà għall-inċident lill-appellant Vella għaliex dan kien qed isuq vettura ta' ċertu daqs u allura kien tenut japplika l-attenzjoni massima tiegħu. Dan filwaqt li ma qiesx ir-regolamenti applikabbli u l-fatt li kien jispetta lill-appellat li jressaq prova adegwata li l-kawża prossima tal-inċident kienet in-negliġenza fis-sewqan tal-appellant. Isostnu li l-appellat kien tenut iċedi ġaladarba kien hemm vettura ta' ċertu daqs li kienet għaddejja minn triq prinċipali u anki jekk din kienet *"on the crown of the road",* huwa kellu t-tort kollu meta ħareġ mingħajr ma esplora t-triq ewlenija. Hawn ukoll huma jagħmlu riferiment għal sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali[3] in sostenn tal-argument

[2] Il-Pulizija *vs.* Anthony Galea, 05.09.1953, Kollezz. XXXVII.iv.1137.
[3] Il-Pulizija *vs.* Anthony Galea, ċit. supra.

tagħhom. L-appellat ma kellux joħroġ 'il barra mil-linja indikata u jostakola l-karreġġata ta' vettura ta' ċertu daqs, fejn kien hemm ukoll diversi vetturi pparkeġġjati. Jikkontendu li kien hemm distanza ta' 4 metri bejn il-faċċata tal-vettura tal-intimat u n-naħa ta' fuq tal-kelma STOP miktuba fl-art, u l-appellant mhux biss għalhekk ma osservax dak is-sinjal, iżda wkoll ħareġ lil hinn mil-linja dritta bajda mmarkata fl-art u daħal fil-karreġġata tax-xarabank. Għalhekk kien proprju l-appellat responsabbli għall-inċident. Huma jirrilevaw li fil-manuvra tiegħu, l-appellat minflok stenna wara l-linja l-bajda, huwa kien ħareġ *wrong way* minn Triq Said minn wara żewġ vetturi oħra. L-appellanti jirrilevaw ukoll li ma kienx kredibbli li l-appellat kien għamel erba' minuti wieqaf għaliex l-impatt seħħ meta x-xarabank kienet għad-dritt u fuq in-naħa ta' wara tagħha. Jgħidu li l-appellant fil-fatt kien xehed li mill-mera huwa kien ra lill-appellat ħiereġ bil-mod sakemm ħabat fih, u dan minkejja li kien daqqlu l-*horn.* L-appellanti mbagħad jikkontendu għal dak li jirrigwarda l-evidenza tax-xhud okkulari Joseph Camilleri, li kien diffiċli għal dan li jara x'kien qed jiġri minn mitt metru 'il bogħod, fejn il-viżwali tiegħu kienet mgħottija wkoll b'ħames vetturi. Il-fatt li x-xhud ma setax jiftakar in-numru tal-vann li huwa kien qed isuq dakinhar, u anki li fl-art fit-triq li huwa kien ħiereġ minnha kien hemm sinjal fl-art għall-waqfien, u anki l-fatt li ma baqax fuq il-post tal-inċident sabiex jagħti d-dettalji tiegħu, dan kollu kien inaqqas mill-kredibbilità tiegħu. Huma jsostnu wkoll li l-fatt li l-appellat kien wieqaf, ma kienx jeżentah mir-responsabbiltà tal-inċident in kwistjoni. Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, it-talbiet tal-appellat kellhom jirriżultaw mhux ippruvati fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.

11. L-appellat jibda billi jiċċita sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri)[4], filwaqt li jissottometti li ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal għandu jiġi disturbat. Imbagħad jgħaddi sabiex jirribatti dik il-verżjoni tal-akkadut li qegħdin jippreżentaw l-appellanti, jiġifieri li huwa ma kienx osserva l-i*stop sign* fi Triq Said u daħal fil-karreġġata tax-xarabank. Jispjega: (a) li fil-fatt hekk kif huwa kien qed jistenna x-xarabank tgħaddi minn Triq il-Knisja, is-sewwieq tagħha ġibed għal fuqu u ħa l-vettura tal-appellat miegħu, u dan kif kien jirriżulta mix-xhieda tal-appellat stess u dik tax-xhud okkulari Joseph Camilleri, u saħansitra tal-appellant Vella nnifsu; (b) li l-ħsarat kaġunati fuq il-vetturi jispjegaw id-dinamika tal-inċident; (ċ) l-iskizz u r-ritratti li kienu jagħmlu parti mit-*Traffic Accident Report,* huma evidenza ċara tad-dinamika tal-inċident, għaliex kien jidher li filwaqt li x-xarabank kienet wieqfa f'nofs Triq il-Knisja, il-vettura tiegħu kienet tinstab ftit 'il barra minn Triq Said, u l-istess seta' jingħad għar-ritratti li ġew esebiti bħala Dokument JPG1 u Dokument JPG5, li kienu juru li l-appellant Vella kien saq ix-xarabank b'negliġenza u nuqqas ta' *proper look-out,* fejn qabad u ġibed fuq il-lemin tiegħu mingħajr ma ra jekk kienx ser jolqot vetturi oħra fit-triq. Minn hawn l-appellat jaqbad il-prinċipju li kull sewwieq għandu jżomm *"a proper look-out",* kemm qabel u anki waqt li jkun qed jagħmel manuvra. Jissottometti li l-appellant Vella dan naqas li jagħmlu, u filwaqt li jiċċita sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla[5] in sostenn tal-argument tiegħu, jgħid li għalhekk sewwa stqarr it-Tribunal meta rrileva li l-appellant Vella kien tenut li jżomm a *proper look-out,* aktar u aktar meħud in konsiderazzjoni d-daqs tal-vettura li kien qed isuq u n-numru ta'

---

[4] Joseph Cini *vs.* George Wells, 15.11.2004.
[5] Dr. Louis Bianchi nomine *vs.* Michelle Cassar, 06.11.1998.

vetturi oħra illi kienu għaddejjin fl-istess triq. Irrileva wkoll li kien permissibbli biss lill-karozzi tal-linja sabiex joħorġu mill-Pjazza tan-Nadur, u għalhekk l-appellant Vella kien tenut joqgħod iktar attent ġaladarba kien ħiereġ kontra t-traffiku. Għalhekk tajjeb ikkonkluda t-Tribunal li kien is-sewqan tal-appellant Vella u n-nuqqas ta' diliġenza tiegħu li kkawżaw l-inċident in kwistjoni.

12. Il-Qorti tgħid li l-konklużjoni milħuqa mit-Tribunal mhijiex waħda korretta, u ċertament il-lodo arbitrali, kif jissottomettu l-appellanti, kien jistħoqqlu konsiderazzjonijiet aktar spjegati dwar id-dinamika tal-inċident. Wara li t-Tribunal għaraf li quddiemu huwa kellu żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għadda sabiex iddikjara li mill-assjem tal-provi prodotti kien jirriżulta li l-verżjoni tal-appellat hija verosimili għad-dinamika ta' kif seħħ l-inċident. Stqarr li l-appellant Vella kien tenut juża l-attenzjoni u d-diliġenza massima, partikolarment meħud in konsiderazzjoni l-kobor tal-vettura li kien qed isuq.

13. Ġaladarba l-verżjonijiet tal-partijiet dwar id-dinamika tal-inċident in kwistjoni mhumiex l-istess, sewwa għaraf it-Tribunal li wieħed għalhekk għandu jgħaddi sabiex jagħmel evalwazzjoni tal-provi. Il-Qorti eżaminat ir-ritratti li ġew esebiti kemm mat-*Traffic Accident Report* immarkat Dok. X u dawk annessi mal-*eTars* immarkat Dok. Y, u anki dawk immarkati minn Dok. JC1 sa Dok. JC3. Huwa evidenti mit-tieni ritratt anness mat-*Traffic Accident Report* li x-xarabank kienet qiegħda tiġi misjuqa mill-appellant Vella lejn in-nofs ta' Triq il-Knisja 'l barra mill-pjazza prinċipali tan-Nadur f'direzzjoni li mhijiex permessa lill-vetturi oħra. Fix-xhieda tiegħu waqt is-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2018 huwa saħansitra qal *"[n]għid li sabiex jiena ngħaddi bix-xarabank minn mal-vetturi ipparkjati fuq in-*

*naħa tax-xellug kelli niġbed ftit 'l barrra n-naħa tal-lemin. Kelli l-karozzi ġejjin minn faċċata jiena gbidt ftit 'l barra, u ġew il-karozzi bejn il-karozzi li kienu pparkjati fuq in-naħa tax-xellug u x-xarabank."*

14. Dan kollu jispjega l-pożizzjoni tal-vettura misjuqa mill-appellant Vella, li aktar tard in kontro-eżami jammetti li minħabba li kienet daħlet vettura bejn ix-xarabank u x-xellug tiegħu, fatt li ma jirriżultax li ġie kontestat mill-appellat, huwa kellu jikser ftit u dak il-ħin ukoll mill-mera seta' jara lill-appellat kemm kemm jiċċaqlaq u daqqlu l-*horn* hekk kif kien kważi wasal miegħu. Iżda l-inċident jidher li seħħ xorta waħda għaliex ix-xarabank kaxkret lill-vettura tal-appellat bin-naħa ta' wara tagħha. Mill-*eTars* jirriżulta li x-xarabank sofriet danni fuq wara fuq in-naħa tax-xufier u l-vettura tal-appellat ġarrbet ħsarat fuq il-kantuniera tan-naħa tax-xellug ta' quddiem u anki mal-quddiem kollu tagħha fil-*bumper.*

15. Min-naħa tal-appellat, il-Qorti tgħid li jirriżulta mill-ewwel ritratt anness mal-*eTars,* li l-vettura tiegħu waqfet jew kif jinsisti huwa stess kienet wieqfa, saħansitra 'l barra mis-sinjal tal-i*STOP* immarkat fl-art fit-triq u anki fil-karreġġata opposta ta' Triq Said, kif jikkonferma hu waqt ix-xhieda tiegħu fis-seduta tas-7 ta' April, 2017. Ċertament dan ma jistax jikkonvinċi lill-Qorti li l-appellat min-naħa tiegħu kien qed isuq b'mod għaqli.

16. Imbagħad il-Qorti tikkonsidra li l-fatt li l-vettura misjuqa mill-appellant Vella hija ta' ċertu daqs, kellu jingħata attenzjoni kemm mis-sewwieq stess, kif sewwa osserva t-Tribunal, u lill-Qorti hawn ma jirriżultaliex li kien hemm xi negliġenza da parti tiegħu, iżda anki mill-utenti l-oħra tat-triq, fosthom l-

appellat li kellu jifhem li mhux daqstant faċli timmanuvra vettura bħal dik kif trid u kellu jagħtiha l-wisgħa. Iżda jidher li minflok l-appellat kompla jissikka biex joħroġ minn fejn kien allegatament wieqaf, u għalhekk l-inċident seta' seħħ biss kawża tan-negliġenza u nuqqas ta' prudenza tiegħu.

17. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravji tal-appellanti ġustifikati u tilqagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanti billi tilqgħu flimkien mal-eċċezzjonijiet tagħhom, u dan filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-appellat u tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**Bl-ispejjeż ta' dan l-appell u dawk tal-proċeduri tal-arbitraġġ, kontra l-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**